ROBERT MUSUMECI
avukat - perit

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR**



**EC/00048/22**
***(Deskrizzjoni tal-proposta: Placing of a metal structure that is being used as a kiosk, affixing a sign on the same kiosk, metal structure that is being used as a toilet, construction of a concrete platform, partly surrounded by a low brick wall and construction of a metal structure to cover the concrete platform.)***
**(Sit: *White Tower Lido, Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad, Mellieha*)**
**(*Rif Taghna*: RM168/22 ABRM483/21)**
**(*Rif Tribunal*: N/A)**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
20 MAY 2022
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

**Kenneth J Vella**

*-vs-*

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**Rikors tal-appellant**
**17.05.2022**

---

**1 PRELIMINARI**

1.1 Illi permezz tal-prezenti att, l-appellant **Kenneth J. Vella** qieghed formalment jinterponi appell kontra l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq li jgib riferenza **EC/00048/22** bid-data tad-9 ta' Mejju 2022 (minn issa 'il quddiem imsejjah 'Avviz');

1.2 Illi flimkien ma' dan ir-rikors qed jigu nkluzi kopja tal-imsemmi Avviz kif ukoll l-ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' appell (Ara **Dokument RM1** flimkien ma' dan ir-rikors);

1.3 Illi f'dan l-imsemmi Avviz qed ikun allegat li hemm is-segwenti zvilupp minghajr permess:

*'Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn:-*

*1. Tqeghid ta' struttura tal-metal ta' cirka tletin (30) metru kwadru li qed tintuza bhala kiosk, u struttura ohra zghira li tintuza bhala toilet;*

*2. Twahhil ta' tabella fuq l-istess kiosk;*

*3. Bini ta' pjattaforma tal-konkos, parzjalment imdawra b'cint baxx tal-bricks biex jitpoggew imwejjed u siggijiet; u*

*4. Struttura tal-metal maghluqa bill-plastik u imsaqqfa b'materjal hafif fuq l-istess pjattaforma tal-konkos. Liema zvilupp jinsab fuq art skedata skont in-Notifikazzjoni tal-Gven Numru 401/96.'*

1.4 Illi l-appellant ihossu aggravat bil-hrug ta' dan l-Avviz u dan ghar-ragunijiet segwenti:

**1.4.1 L-EWWEL AGGRAVJU: L-AVVIZ HUWA SKANSAT MINN MOTIVAZZJONI ADEGWATA**

1.4.1.1 Illi Avviz ta' Twaqqif m'huwiex skansat, bl-operat tal-ligi, milli jaghti r-*"ratio decidendi"* fuq l-elenku tad-dettalji ewlenin. In tema legali, il-motivazzjoni tibqa' dejjem ta' essenza tal-gudizzju u ma jistax allura jinghad li jkun jidher li ssir gustizzja jekk min jircievi l-Avviz ma jinghatax almenu s-sodisfazzjoni minima tar-raguni li tkun induciet lill-Awtorita' tasal ghad-decizjoni taghha. Illum huwa mghallem li l-principju

tal-gustizzja naturali mghandux rabta biss mal-kuncett tas-smiegh xieraq quddiem il-Bordijiet ta' l-Ippjanar u, jew dan it-Tribunal izda jestendi wkoll ghal min jircievi l-Avviz biex dan ikun jista' jiddefendi ruhu quddiem l-allegazzjonijiet migjuba. Mill-Avviz kif postulat, anke jekk wiehed jaccetta li l-kliem mhux bilfors ikunu precizi, l-Awtorita' naqset li tikkunsidra, bhala osservazzjonijiet bazici, kif waslet li l-interventi msemmija huma illegali. Ghaldaqstant, in-nuqqas ta' motivazzjoni u ragunament f'dan il-kuntest huwa bizzejjed biex jirrendi dan l-Avviz null;

**1.4.2 IT-TIENI AGGRAVJU: APPREZZAMENT ZBALJAT TAL-FATTI LI JIRRISOLVI RUHU FI KSUR TAL-LIGI**

1.4.2.1 Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, jirrizulta minn analizi lingwistika ta' dak li hemm imnizzel fl-Avviz li l-istess huwa bazat fuq fatti li whud minnhom ma jirrizultawx *in situ* bil-kosegwenza li l-istess Avviz gie radikat fuq dispozizzjonijiet legali mhux aplikabbli ghall-fattispecie tal-kaz;

**1.4.3 IT-TIELET AGGRAVJU: L-INTERVENTI MSEMMIJA FL-AVVIZ MA JIRRIKJEDUX PERMESS TA' ZVILUPP**

1.4.3.1 Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji gja migjuba, l-interventi msemmija f'dan l-Avviz ma kellhom qatt ikunu suggetti ghal dan l-Avviz *stante* li dawn, jew ma jikkwalifikawx fid-definizzjoni ta' 'zvilupp' jew, inkella, jaqghu fid- definizjoni ta' 'zvilupp' izda mbaghad huma ezenti mill-htiega ta' permess *ai fini* tal-**Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta**. Fil-fatt, m'huwiex disputat li, f'dan il-kaz, saret applikazzjoni **PA5277/21** (*To sanction changes to existing mobile kiosk on a permanent site and*

*sign*). *Detto cio'*, din l-applikazzjoni saret bl-intiza li l-Awtorita' tippronuncja ruhha favur l-izvilupp ghaliex tali zvilupp lanqas biss jirrikjedi permess. *Kwindi*, l-applikazzjoni **PA5277/21** saret fil-kuntest li applikazzjoni ta' *sanctioning* jew regolarizzazjoni ghandha l-funzjoni li ggieghel lill-Awtorita' tippronuncja ruhha kwantu ghal jekk tali ntervent jew uzu jistax jibqa' jissussisti fil-parametri tal-**Kap 552**, u dan indipendentement minn jekk l-intervent jew l-uzu in kwestjoni jirrikjedix permess ta' zvilupp jew le. B'hekk, l-applikazzjoni **PA5277/21** ma tista' bl-ebda mod titqies bhala xi forma ta' ammissjoni volontarja quddiem xi illegalita u dan aktar w'aktar meta l-istess appellant intavola l-appell odjern biex jirribatti bil-qawwa kull allegazzjoni migjuba kontrih. L-Awtorita' ma tistax ghalhekk tigi lura w tghid li dan l-Avviz ghandu jitwaqqa' ghas-semplici raguni li hemm *sanctioning application* pendenti fuq l-istess sit mertu ta' l-Avviz.

**2 TALBA**

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant jitlob bir-rispett lil dan it- Tribunal sabiex jordna li l-Avviz jigi mhassar.

Illi l-appellant qieghed ukoll minn issa jirriserva d-dritt li jitlob li jsir access fuq is-sit in kwistjoni f'kaz li jinqala' l-htiega. Huwa *in oltre* qed jipproponi li jipproduci numru ta' xhieda (ara lista fl-ahhar tar-rikors) filwaqt li jirriserva d-dritt tieghu skond il-ligi li jtella' x-xhieda permessi bil-ligi sabiex jelaboraw fuq dak sollevat minnhom, bil-ghan li l-esponenti jkun f'posizzjoni ahjar sabiex jissoda s-sisien tieghu ghas-sodisfazzjon ta' dan it- Tribunal.

**Dr. Robert Musumeci**
LL.B., LL.D., B.E.&A.(Hons.), M.Sc.(Cons.Tech.), Ph.D. *in* Development Planning Law, Perit

**LISTA TA' DOKUMENTI**

- **Dokument RM1 -** Kopja ta' l-Avviz flimkien ma l-ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' appell

**LISTA TA' XHIEDA**

- Kull parti ohra ghall-konferma tal-fatti;
- Ix-xhieda indikati mill-partijiet f'dan l-appell, sabiex jixhdu bhala xhieda tal- esponenti in ezami jew in kontroezami, sabiex jikkonfermaw il-fatti tal-kaz;
- Persuni teknici li jistghu jitfghu dawl fuq *issues* specifici ghall-konferma tal-fatti;
- Xhieda ohra ghall-konferma tal-fatti minn issa riservati u li l-esponenti mhux edott bihom f'dan l-istadju;
- Rapprezentant ta' l-Awtorita' li kien responsabbli mill-hrug ta' l-Avviz.
- Entitajiet responsabbli ghall-hrug ta' licenzji